

Brussell, 31 ta' Ottubru 2018
(OR. en)

11724/4/18
REV 4

LIMITE

EJUSTICE 105
JURINFO 57
JAI 835
JUSTCIV 216
COPEN 300

NOTA

minn: Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill

lil: Delegazzjonijiet

Nru. dok. preċ.: 12794/3/18 REV 3

Suġġett: Abbozz ta' Pjan ta' Azzjoni dwar il-Ġustizzja elettronika għall-2019-2023

Id-delegazzjonijiet isibu hawn taħt l-abbozz tal-Pjan ta' Azzjoni dwar il-Ġustizzja elettronika għall-2019-2023, kif emendat skont il-kummenti li saru matul il-laqgħa tal-Grupp ta' Esperti dwar il-Pjan ta' Azzjoni dwar il-Ġustizzja Elettronika fl-24 ta' Settembru 2018 u fil-laqgħa tal-Grupp ta' Ħidma dwar il-Leġislazzjoni elettronika (Ġustizzja elettronika) fis-16 ta' Ottubru 2018 u bil-miktub.

Din il-verżjoni issa ser tiġi ppreżentata lill-Coreper u lill-Kunsill għall-adozzjoni.

Werrej

Kontenut

I.	Introduzzjoni	3
II.	Aċċess għal informazzjoni	4
A.	Informazzjoni ġenerali dwar il-Ġustizzja	4
1.	Żvilupp tal-Portal tal-Ġustizzja elettronika	4
2.	Interkonnessjoni tar-reġistri	6
3.	Aċċess għal settijiet ta' data	9
B.	Aċċess għal informazzjoni legali	11
1.	Aċċess għal data legali	11
2.	Interkonnessjoni ta' data legali	14
3.	Intelliġenza Artifiċjali	15
III.	Komunikazzjoni elettronika fil-qasam tal-ġustizzja	16
A.	Skambju ta' data sigur	16
B.	Komunikazzjoni sigura bejn ċittadini, prattikanti u awtoritajiet ġudizzjarji	20
IV.	Interoperabbiltà	21
A.	CODEX-e	21
B.	Interoperabbiltà semantika	23
V.	Lista ta' riżerva	27
VI.	Proġetti mmexxija minn prattikanti	31

I. Introduzzjoni

1. L-istrateġija Ewropea dwar il-Ġustizzja elettronika (l-Istrateġija) u l-Pjan ta' Azzjoni huma mġedda, billi d-dokumenti¹, li kienu adottati għall-perijodu 2014-2018, qed joqorbu lejn tmiem it-terminu tagħhom.
2. L-Istrateġija tipprovdi viżjoni għal x'għandu jiġi inkluż fil-Pjan ta' Azzjoni u kif jiġi implimentat, u tiġġustifika it-tliet objettivi tal-aċċess għal informazzjoni², il-Komunikazzjoni elettronika fil-qasam tal-ġustizzja³ u l-interoperabbiltà⁴. Madankollu, hija ma tinkludi l-ebda indikazzjoni dwar il-proġetti konkreti għall-implimentazzjoni. Dawn huma stabbiliti fi Pjan ta' Azzjoni, li huwa maħsub biex iwassal il-viżjoni tal-Istrateġija, bi struttura li tirrifletti t-tliet objettivi.
3. Il-Pjan ta' Azzjoni fih lista tal-proġetti meqjusa għall-implimentazzjoni fil-perijodu 2019-2023, b'indikazzjoni tal-parteċipanti, l-azzjonijiet għall-implimentazzjoni Prattika u l-kontributi rispettivi tal-parteċipanti. Il-mexxej tal-proġett jista' jkun Stat Membru, il-Kummissjoni, l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet, organizzazzjoni oħra jew taħlita ta' dawn, li tassumi r-responsabbiltà għall-koordinazzjoni u t-tmexxija tal-ħidma fuq proġett lejn il-konklużjoni b'suċċess tiegħu. Il-parteċipanti u l-partijiet interessati kollha involuti jibqgħu responsabbli għat-twettiq tal-parti tagħhom tal-proġett.
4. L-azzjonijiet deskritti hawn taħt ġew evalwati u ntgħażlu mill-esperti tal-Istati Membri abbażi tal-kriterji li jinsabu fl-Istrateġija dwar il-Ġustizzja elettronika.

¹ Abbozz ta' Strateġija dwar il-Ġustizzja elettronika Ewropea 2014-2018, ĠU C 376, 21.12.2013, pp. 7–11 u l-Pjan ta' Azzjoni Ewropew Pluriennali dwar il-Ġustizzja elettronika 2014-2018, ĠU C 182, 14.6.2014, p. 2–13.

² Il-paragrafi 12 sa 17 tad-dokument WK 2894/2018 REV 2.

³ Il-paragrafi 18 sa 22 tad-dokument WK 2894/2018 REV 2.

⁴ Il-paragrafu 40 tad-dokument WK 2894/2018 REV 2.

II. Aċċess għal informazzjoni

5. Kif kien il-każ tal-Pjan ta' Azzjoni dwar il-Ġustizzja elettronika 2014-2018⁵, il-Portal tal-Ġustizzja elettronika għandu jipprovdi informazzjoni ġenerali liċ-ċittadini, in-negozji, il-prattikanti legali u l-awtoritajiet ġudizzjarji dwar il-leġislazzjoni u l-ġurisprudenza tal-UE u tal-Istati Membri. B'mod parallel, is-sit elettroniku EUR-Lex għandu jipprovdi informazzjoni dwar il-liġi u l-ġurisprudenza tal-UE, flimkien ma' informazzjoni dwar kif l-Istati Membri jittrasponu d-direttivi tal-UE.

A. Informazzjoni ġenerali dwar il-Ġustizzja

1. Żvilupp tal-Portal tal-Ġustizzja elettronika

6. Il-Portal tal-Ġustizzja elettronika jista' jittejjeb billi jiġi implimentat titjib fil-Portal, bħal għodda ta' riċerka ċentrali jew funzjonalitajiet dinamiċi estenzi. Ir-rwol tiegħu bħala punt uniku ta' servizz għall-Ġustizzja elettronika Ewropea għandu jissaħħaħ aktar bl-iżviluppi ppjanati.
7. Dan it-titjib huma maħsuba biex jagħmlu l-Portal aktar faċli biex jintuża u aktar komplut. Kemm il-kontenut statiku kif ukoll dak dinamiku għandhom jiġu kkomplementati b'informazzjoni u funzjonalitajiet ġodda.

⁵ Paragrafu 14 tal-Pjan ta' Azzjoni Ewropew Pluriennali dwar il-Ġustizzja elettronika 2014-2018, ĠU C 182, 14.6.2014, p. 2–13.

Nru	Isem il-proġett	Propost minn	Għanijiet tal-proġett	Azzjonijiet li għandhom jittieħdu	Mexxej tal-proġett	Kontributi			
						Stati Membri	Kummissjoni	Grupp ta' Ħidma	Šhab oħrajn
1	Titjib fil-Portal tal-Ġustizzja elettronika	COM	<ul style="list-style-type: none"> • Żvilupp ta' karatteristiċi ġodda għall-Portal tal-Ġustizzja-e, bħal għodda ta' riċerka ċentrali • Estensjoni tal-kamp ta' applikazzjoni tal-funzjonalitajiet dinamiċi tal-Portal • Implimentazzjoni ta' Assistent għal Talbiet Żgħar <ul style="list-style-type: none"> • Titjib tal-kontenut statiku tal-Portal 	<ul style="list-style-type: none"> • Analiżi u implimentazzjoni ta għodod fuq il-Portal tal-Ġustizzja-e • Determinazzjoni tal-ambitu ta' kontenut utli ġdid u l-ġbir ta' informazzjoni • Twessiegħ tal-kamp ta' applikazzjoni tal-għodod eżistenti, bħal BRIS • Żvilupp ta' interfaċċa ta' tiftix komuni li tippermetti li l-utenti jikkonsultaw reġistri u bażijiet ta' data interkonnessi (għodda ta' riċerka ċentrali) 	COM	<ul style="list-style-type: none"> • Jipprovdu informazzjoni lill-Kummissjoni għall-pubblikazzjoni ta' informazzjoni ġdida dwar il-Portal • Iżommu l-kontenut statiku aġġornat • Jipparteċipaw fl-għodod eżistenti 	<ul style="list-style-type: none"> • Tiżviluppa l-għodod neċessarji biex jitjeb il-Portal • Tipprovdi traduzzjoni għall-kontenut statiku fil-lingwi uffiċjali kollha tal-UE 	<ul style="list-style-type: none"> • Jagħti segwitu lill-implimentazzjoni tal-Portal, l-iktar billi jivvaluta kwistjonijiet possibbli • Iservi bħala punt ta' kuntatt għall-ġbir ta' informazzjoni fl-Istati Membri 	<p><u>Organizzazzjonijiet professjonali u ġuridiċi, b'mod partikolari, in- Netwerk Ġudizzjarju Ewropew fil-Materji Ċivili u</u> L-istess bħall-Istati Membri fil-każijiet fejn ikollhom rwol simili għal dak tal-Istati Membri</p>

2. Interkonnessjoni tar-reġistri

8. Il-Portal Ewropew tal-Ġustizzja elettronika għandu jservi wkoll bħala punt ta' aċċess uniku għal reġistri nazzjonali interkonnessi, b'rilevanza fil-qasam tal-ġustizzja. Dawn ir-reġistri **huma** ġestiti minn awtoritajiet nazzjonali jew korpi professjonali. L-għan tagħhom huwa li jiffaċilitaw l-amministrazzjoni tal-ġustizzja u l-aċċess għaliha.
9. Ir-reġistri interkonnessi jingħataw u jinżammu mill-organizzazzjonijiet lokali responsabbli, kemm jekk ikunu awtoritajiet pubbliċi jew assoċjazzjonijiet tal-prattikanti⁶. Il-Portal jipprovdi punt ċentrali ta' aċċess għal dawn ir-reġistri, iżda ma jżommx kopja ċentralizzata tagħhom. Il-ġestjoni tal-punt ta' aċċess stabbilit fil-livell tal-UE jibqa' r-responsabbiltà tal-Kummissjoni.

⁶ Skont il-prinċipju ta' deċentralizzazzjoni espress fl-Istrateġija tal-Ġustizzja elettronika fil-paragrafi 38 u 39 tad-dokument WK 2894 2018 REV 2.

Nru	Isem il-proġett	Propost minn	Għanijiet tal-proġett	Azzjonijiet li għandhom jittieħdu	Mexxej tal-proġett	Kontributi			
						Stati Membri	Kummissjoni	Grupp ta' Hídma	Šhab oħrajn
2	Interkonnessjoni tar-Reġistri tal-Artijiet	AT	<ul style="list-style-type: none"> • Ħolqien ta' interkonnessjoni għar-reġistri tal-artijiet fl-Istati Membri • Ħolqien ta' għodda għal konsultazzjoni tar-reġistri tal-artijiet 	<ul style="list-style-type: none"> • Kollegament tar-reġistru/i nazzjonali tal-artijiet mal-applikazzjoni LRI fil-Portal tal-Ġustizzja-e inkluż l-awtentikazzjoni u l-awtorizzazzjoni ta' professjonisti tal-qorti li jistgħu jużaw funzjonijiet privileġġati • Implimentazzjoni ta' soluzzjoni ta' Pagamenti-e għall-ħlas ta' imposti marbuta mal-LRI 	COM	Jikkollegaw ir-reġistru/i nazzjonali tal-artijiet mal-applikazzjoni LRI	<ul style="list-style-type: none"> • Tibni l-applikazzjoni ta' konsultazzjoni tal-LRI multilingwali fil-Portal tal-Ġustizzja-e • Timplimenta soluzzjoni ta' Pagamenti-e għall-ħlas ta' imposti 	<ul style="list-style-type: none"> • Jagħti segwitu lill-implimentazzjoni mill-Istati Membri u l-Kummissjoni • Jikkondividi informazzjoni u prattiki dwar l-implimentazzjoni ta' reġistri u l-interkonnessjoni tagħhom 	<p><u>Professionisti bħal ġeografi jew ġeometri:</u></p> <ul style="list-style-type: none"> • Possibbilment jipprovdu assistenza fil-ħolqien tar-reġistri • Jipprovdu data għar-reġistri <p><u>Prattikanti legali bħal nutara jew avukati jew kumpanniji bħal banek:</u></p> <p>Jużaw l-interkonnessjoni</p>

Nru	Isem il-proġett	Propost minn	Għanijiet tal-proġett	Azzjonijiet li għandhom jittieġdu	Mexxej tal-proġett	Kontributi			
						Stati Membri	Kummissjoni	Grupp ta' Ħidma	Šhab oħrajn
3	Sib Uffiċjal Ġudizzjarju	COM	<ul style="list-style-type: none"> • Twessiegħ tal-ambitu tad-direttorju Sib Uffiċjal Ġudizzjarju • Għoti ta' informazzjoni mtejbja dwar proċedimenti u mekkaniżmi ta' infurzar nazzjonali biex jinħatru uffiċjali ġudizzjarji/awtoritajiet ta' infurzar 	<ul style="list-style-type: none"> • Promozzjoni tad-direttorju Sib Uffiċjal Ġudizzjarju u twessiegħ tal-kopertura tiegħu • Titjib tas-software previst għall-ħolqien ta' direttorji nazzjonali ta' uffiċjali ġudizzjarji/awtoritajiet tal-infurzar • Abbozzar ta' paġni ta' informazzjoni 	COM u CEHJ	Jikkoordinaw mal-kmamar nazzjonali tal-uffiċjali ġudizzjarji, biex ikun possibbli li jinħoloq direttorju	Tintegra l-għodda estiża Sib Uffiċjal Ġudizzjarju mal-Portal tal-Ġustizzja-e	Iservi bħala punt ta' kuntatt għal assoċjazzjonijiet nazzjonali ta' uffiċjali ġudizzjarji / awtoritajiet tal-infurzar	<u>Kmamar nazzjonali tal-uffiċjali ġudizzjarji:</u> Jistabbilixxu direttorji nazzjonali

3. Access għal settijiet ta' data

10. B'mod parallel mar-reġistri, il-Portal għandu jipprovdi aċċess għad-data rilevanti għal aċċess għall-ġustizzja.
11. Dawn is-settijiet ta' data, bħar-reġistri fit-taqsimha preċedenti, ikunu interkonnessi permezz tal-Portal. Il-ġestjoni tagħhom tkun fir-responsabbiltà tal-partijiet ikkonċernati lokali.

Nru	Isem il-proġett	Propost minn	Għanijiet tal-proġett	Azzjonijiet li għandhom jittieħdu	Mexxej tal-proġett	Kontributi			
						Stati Membri	Kummissjoni	Grupp ta' Fidma	Šhab oħrajn
4	Bażi ta' data tal-Qorti Kriminali	AT	L-istabbiliment ta' punt ta' kuntatt ċentrali għad-data tal-awtoritajiet kompetenti rigward għadd ta' strumenti legali f'materji kriminali, bħall-Ordni ta' Investigazzjoni Ewropea jew Assistenza Legali Reċiproka f'Materji Kriminali	<ul style="list-style-type: none"> Definizzjoni ta' sett bażiku ta' strumenti legali u kompetenzi legali għal materji kriminali Adattament tal-arkitettura tal-Bażi ta' Data tal-Qorti għall-ħtiġijiet ta' strumenti f'materji kriminali 	COM	Jipprovdu u jiġġestixxu d-data nazzjonali	<ul style="list-style-type: none"> Tadatta l-Bażi ta' Data tal-Qorti Ewropea Tiddefinixxi strumenti legali 	Jagħti segwitu għall-aġġornament tal-bażi ta' data	<u>Network Ġudizzjarju Ewropew f'Materji Kriminali:</u> Iservu bħala punti ta' kuntatt għall-ġbir ta' informazzjoni u għal rikjesti ta' aġġornament

Nru	Isem il-proġett	Propost minn	Għanijiet tal-proġett	Azzjonijiet li għandhom jittieħdu	Mexxej tal-proġett	Kontributi			
						Stati Membri	Kummissjoni	Grupp ta' Ħidma	Sħab oħrajn
5	Irkanti Ġudizzjarji Fażi 2	IT	Hoġkien ta' magna tat-tiftix komuni fuq il-Portal Ewropew tal-Ġustizzja-e, għal reklami ta' bejgħ bil-qorti ppubblikati fl-Istati Membri	Id-definizzjoni u l-implimentazzjoni tal-magna tat-tiftix għal bejgħ bil-qorti fuq il-Portal tal-Ġustizzja-e	IT	Jimplimentaw il-mekkaniżmu ta' rkupru awtomatiku, jekk teżisti sistema nazzjonali	Timplimenta u tattiva l-magna tat-tiftix u funzjonijiet relatati fuq il-Portal Ewropew tal-Ġustizzja-e	<ul style="list-style-type: none"> • Jaqbel dwar informazzjoni disponibbli u obligatorja • Jiddefinixxi l-ambitu tal-magna tat-tiftix 	

B. Access għal informazzjoni legali

1. Access għal data legali

12. EUR-Lex jagħti aċċess għal-liġijiet tal-UE, il-liġijiet nazzjonali li jittrasponu l-liġijiet tal-UE, ġurisprudenza mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-UE kif ukoll ġurisprudenza nazzjonali marbuta mal-liġijiet tal-UE. L-aċċess għal data legali jenħtieġ li jiġi ffaċilitat ukoll bl-użu ta' identifikaturi għal leġislazzjoni u ġurisprudenza, li jippermettu analiżi aktar faċli tad-data legali.
13. Meta tiġi ppubblikata l-ġurisprudenza jeħtieġ li jitqiesu l-linji gwida tal-protezzjoni tad-data. Sabiex tiġi ffaċilitata din il-pubblikazzjoni, jeħtieġ li jiġu żviluppati għodod awtomatiċi ta' psewdonimizzazzjoni jew anonimizzazzjoni.

Nru	Isem il-proġett	Propost minn	Għanijiet tal-proġett	Azzjonijiet li għandhom jittieħdu	Mexxej tal-proġett	Kontributi			
						Stati Membri	Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea	Grupp ta' Ħidma	Sħab oħrajn
6	EUR-Lex	UtP tal-UE	Titjib tas-sit web tal-EUR-Lex (magna tat-tiftix, esperjenza tal-utent, aġġornament, esportazzjoni, eċċ...)	<ul style="list-style-type: none"> • Titjib tal-funzjoni tat-tiftix • Preżentazzjoni tal-informazzjoni b'mod aktar komprensiv u faċli għall-utent • Possibbiltà ta' esportazzjoni ta' raggruppamenti ta' atti 	UtP tal-UE	Jaġġornaw l-informazzjoni legali, b'mod partikolari fil-qasam tal-miżuri ta' traspożizzjoni fuq bażi volontarja	Iwettaq titjib fil-EUR-Lex	Jagħti segwitu għall-implimentazzjoni tal-funzjonalitajiet u jaġġornahom	

Nru	Isem il-proġett	Propost minn	Għanijiet tal-proġett	Azzjonijiet li għandhom jittieħdu	Mexxej tal-proġett	Kontributi			
						Stati Membri	Kummissjoni / Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea (UtP tal-UE)	Grupp ta' Ħidma	Sħab oħrajn
7	ECLI	NL	<ul style="list-style-type: none"> • Żieda fin-numru ta' qrati / Stati Membri li jassenjaw l-ECLI tad-deċiżjonijiet tal-qrati tagħhom • Twessigħ tal-użi possibbli tal-ECLI 	Twessigħ tal-firxa ta' applikazzjonijiet għall-ECLI, billi jiġu mmultiplikati l-funzjonalitajiet disponibbli (sommarij, traduzzjonijiet, referenzi legali, interfaċċi tal-utent imtejba) tal-arkitettura tal-ECLI	NL	Jimplimentaw l-ECLI u jiżviluppaw funzjonalitajiet ġodda għall-ECLI	<u>Kummissjoni:</u> Iżomm il-Magna ta' Tiftix ECLI <u>UtP tal-UE:</u> Jappoġġa l-iżviluppi tal-ECLI	Jissorvelja u jikkoordina l-ħidma dwar l-ECLI	Netwerks ġudizzjarji u organizzazzjonijiet professjonali: Jipprovdu data
8	ELI	UtP tal-UE u LU	Faċilitazzjoni tal-aċċess, il-kondiviżjoni u l-interkonnessjoni ta' informazzjoni legali ppubblikata permezz ta' sistemi ta' informazzjoni legali nazzjonali, Ewropej u globali	<ul style="list-style-type: none"> • L-iżgurar tal-evoluzzjoni u ż-żamma tal-ispeċifikazzjonijiet relatati mal-ELI f'qafas strutturat • Skambju ta' informazzjoni u prattiki tajbin dwar l-implimentazzjoni tal-ELI fuq bażi regolari ma' partijiet ikkonċernati oħra 	LU u UtP tal-UE	Iżommu l-ELI aġġornat bil-leġislazzjoni nazzjonali	<u>UtP tal-UE:</u> Iżomm l-ELI aġġornat bil-leġislazzjoni tal-UE	Jikkondividi informazzjoni u prattiki tajbin dwar l-implimentazzjoni tal-ELI fuq bażi regolari ma' partijiet ikkonċernati oħra	

Nru	Isem il-proġett	Propost minn	Għanijiet tal-proġett	Azzjonijiet li għandhom jittieħdu	Mexxej tal-proġett	Kontributi			
						Stati Membri	Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea	Grupp ta' Hídma	Šhab oħrajn
9	Anonimizzazzjoni u psewdonimizzazzjoni tad-deċiżjonijiet tal-Qrati għall-użu tad-Data Miftuħa	FR u AT	<ul style="list-style-type: none"> • Faċilitazzjoni ta' publikazzjoni trasparenti u aċċessibbli ta' deċiżjonijiet tal-qrati • Żvilupp ta' għodod li jużaw teknoloġija tal-IA biex id-deċiżjonijiet tal-qrati jiġu anonimizzati jew psewdonimizzati b'mod awtomatiku għall-użu mill-ġdid 	<ul style="list-style-type: none"> • Identifikazzjoni tal-añjar Prattiki u linji gwida tekniċi għal publikazzjoni anonimizzata/psewdonimizzata awtomatika tad-deċiżjonijiet tal-Qrati li tkun kompatibbli mal-GDPR • Ħolqien ta' għodda tal-IA biex id-deċiżjonijiet tal-qrati jiġu awtomatikament anonimizzati/psewdonimizzati, bl-użu ta' bażijiet ta' data ta' deċiżjonijiet tal-qrati 	AT	Jipprovdu d-data meħtieġa biex iħarrġu s-sistema (b'mod partikolari meħuda minn data ta' qrati nazzjonali)	Jassisti fl-analiżi u l-iżviluppi	<ul style="list-style-type: none"> • Jikkoordina l-ħídma fuq l-għodda • Jiddetermina l-añjar Prattiki u linji gwida għall-ħolqien u l-implimentazzjoni tagħha 	

2. Interkonnessjoni ta' data legali

14. Id-data legali interkonnessa tippermetti li l-utenti jsibu l-informazzjoni rilevanti b'mod rapidu u affidabbli. Id-data legali tista' tintuża f'format ta' Data Miftuħa biex tgħin liċ-ċittadini, in-negozji u l-awtoritajiet ġudizzjarji jistudjaw u jiġbru d-data, sabiex janalizzawha u jikkontribwixxu għal applikazzjonijiet bl-użu ta' din id-data, inkluż bl-użu tal-Intelliġenza Artifiċjali.

Nru	Isem il-proġett	Propost minn	Għanijiet tal-proġett	Azzjonijiet li għandhom jittieħdu	Mexxej tal-proġett	Kontributi			
						Stati Membri	Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea	Grupp ta' Ħidma	Sħab oħrajn
10	Interkonnessjoni ta' data legali	UtP tal-UE	<ul style="list-style-type: none"> • Implimentazzjoni ulterjuri tal-ELI u l-ECLI min-naħa tal-UtP tal-UE • Rabta aħjar mal-liġi tal-UE, il-miżuri ta' traspożizzjoni nazzjonali u l-ġurisprudenza • Aġġornament aktar rapidu • L-iżvilupp ta' Data Miftuħa u konnessa 	<ul style="list-style-type: none"> • Titjib tal-ġhodod ta' trażmissjoni għal miżuri ta' traspożizzjoni nazzjonali u ġurisprudenza rilevanti • Titjib tal-interoperabbiltà ta' ġhodod għall-aċċess għal-leġislazzjoni u l-ġurisprudenza rilevanti • Ħolqien ta' ħoloq awtomatiċi minn testi ta' atti legali għal atti legali oħra u ġurisprudenza 	UtP tal-UE	<ul style="list-style-type: none"> • Jipprovdi d-data meħtieġa • Jittrażmetti l-miżuri ta' traspożizzjoni nazzjonali u l-ġurisprudenza rilevanti fuq bażi volontarja 	<ul style="list-style-type: none"> • Jimplimenta ġhodod • Jissorvelja t-trażmissjoni u l-aġġornament 	<ul style="list-style-type: none"> • Iservi bħala punt ta' kuntatt għall-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet • Jissorvelja l-implimentazzjoni tal-ġhodod • Jagħti feedback dwar il-faċilità tal-użu ta' dawn l-ġhodod 	

3. Intelliġenza Artifiċjali

15. L-intelliġenza artifiċjali ġiet identifikata bħala wieħed mill-akbar l-iżviluppi fit-teknoloġiji tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni f'dawn l-aħħar snin u jenħtieġ li tkompli tiġi żviluppata fis-snin li ġejjin. L-implikazzjonijiet tagħha fil-qasam tal-Ġustizzja elettronika jeħtieġ li jiġu definiti aktar fil-fond.

Nru	Isem il-proġett	Propost minn	Għanijiet tal-proġett	Azzjonijiet li għandhom jittieħdu	Mexxej tal-proġett	Kontributi			
						Stati Membri	Kummissjoni	Grupp ta' Ħidma	Sħab oħrajn
11	Intelliġenza Artifiċjali għall-Ġustizzja	COM, FR u AT	<ul style="list-style-type: none"> Definizzjoni tar-rwol li l-Intelliġenza Artifiċjali jista' jkollha fil-qasam tal-ġustizzja Żvilupp ta' għodda ta' IA għall-analiżi tad-deċiżjonijiet tal-qrati 	<ul style="list-style-type: none"> Abbozzar ta' rapport li jiddeskrivi s-sitwazzjoni attwali tal-għodod ta' Intelliġenza Artifiċjali żviluppata fl-Istati Membri Żvilupp ta' applikazzjonijiet għall-użu fil-ġudikaturi nazzjonali, b'kont meħud tal-ħtiġijiet speċifiċi tal-ġudikatura 	FR u COM (fir-rigward tal-Portal tal-Ġustizzja-e)	<ul style="list-style-type: none"> Jagħtu informazzjoni dwar l-użu ta' għodod ta' IA fil-ġudikaturi tagħhom Jagħtu feedback dwar għodod ta' IA disponibbli fil-qasam tal-ġustizzja Jipparteċipaw fi proġett pilota 	<ul style="list-style-type: none"> Tappoġġa l-għodod ta' IA użati mill-ġudikaturi tal-Istati Membri Tikkunsidra li tiżviluppa għodod ta' IA għall-Portal tal-Ġustizzja-e 	<ul style="list-style-type: none"> Jabbozza rapport li jiddeskrivi s-sitwazzjoni attwali tal-għodod ta' Intelliġenza Artifiċjali żviluppata fl-Istati Membri 	<p><u>CCBE:</u></p> <p>Jabbozza gwida dwar l-użu tal-Intelliġenza Artifiċjali mill-avukati fl-UE</p>
12	Chatbot għall-Portal tal-Ġustizzja-e	AT	<p>Żvilupp ta' ChatBot li tgħin lill-utent u tirreferih għall-informazzjoni li jkun qed ifittex.</p>	<ul style="list-style-type: none"> L-identifikazzjoni ta' każijiet ta' użu għal ChatBot fil-Portal tal-Ġustizzja-e L-iżvilupp u t-twaqqif ta' din iċ-ChatBot 	AT u COM (fir-rigward tal-Portal tal-Ġustizzja-e)	<ul style="list-style-type: none"> Jikkontribwixxu għal partijiet ta' kontenut tal-Portal Jagħtu feedback dwar iċ-ChatBot 	<ul style="list-style-type: none"> Tiżviluppa iċ-ChatBot Timplimenta iċ-ChatBot fuq il-Portal tal-Ġustizzja-e għal każijiet ta' użu identifikati 	<ul style="list-style-type: none"> Jagħti segwitu għall-iżvilupp ta' iċ-ChatBot Jipprovdi feedback dwar l-implimentazzjoni ta' iċ-ChatBot 	

III. Komunikazzjoni elettronika fil-qasam tal-ġustizzja

A. Skambju ta' data sigur

16. Sabiex jiġu żviluppati proċedimenti elettroniċi transfruntiera, jeħtieġ li jkun hemm skambju sigur ta' data bejn l-awtoritajiet u l-prattikanti involuti f'dawn il-proċedimenti. Madanakollu, huma meħtieġa għadd ta' prekundizzjonijiet, bħal ftehim dwar il-kundizzjonijiet ta' sigurtà ta' trażmissjoni jew il-kapaċità ta' fiduċja f'dokument trażmess.

Nru	Isem il-proġett	Propost minn	Għanijiet tal-proġett	Azzjonijiet li għandhom jittieħdu	Mexxej tal-proġett	Kontributi			
						Stati Membri	Kummissjoni	Grupp ta' Ħidma	Sħab oħrajn
13	Pagament elettroniku tal-imposti tal-Qrati	COM	Possibbiltà ta pagament elettroniku tal-imposti tal-qrati	<ul style="list-style-type: none"> • Twaqqif ta' inventarju tal-proċeduri ġudizzjarji u tal-imposti assoċjati tal-qrati • Analiżi tas-sitwazzjoni nazzjonali tal-Istati Membri dwar il-mezzi ta' ħlas tal-imposti tal-qrati • Possibbiltà ta' pagamenti online ta' imposti tal-qrati permezz tal-Portal tal-Ġustizzja-e • Qbil fost l-Istati Membri parteċipanti fuq il-modalitajiet tas-sistema ta' pagament 	COM	<ul style="list-style-type: none"> • Jipprovdu informazzjoni fuq il-kuntest nazzjonali għal imposti tal-qrati (inventarju u mezzi ta' pagament) • Jimplimentaw il-bidliet tekniċi u legali meħtieġa 	Tiżviluppa l-għodda fil-Portal tal-Ġustizzja-e għad-determinazzjoni u l-ħlas possibbli ta' imposti tal-qrati	Jivvaluta r-riżultati tal-inventarju ta' imposti tal-qrati	

Nru	Isem il-proġett	Propost minn	Għanijiet tal-proġett	Azzjonijiet li għandhom jittieħdu	Mexxej tal-proġett	Kontributi			
						Stati Membri	Kummissjoni	Grupp ta' Hídma	Šhab oħrajn
14	Kooperazzjoni fi proċedimenti kriminali diġitali	EE	Esplorazzjoni u analiżi tal-possibilitajiet għall-iskambju ta' data b'mod diġitali fi proċedimenti kriminali	<ul style="list-style-type: none"> • Analiżi tal-każijiet ta' użu għal proċedimenti kriminali diġitali • Kondiviżjoni ta' għarfien u l-aħjar prattiki f'dan il-qasam • Analiżi tal-fattibilità tal-iskambju ta' data fi proċedimenti kriminali diġitali 	EE	Jipprovdu informazzjoni dwar is-sitwazzjoni nazzjonali dwar proċedimenti kriminali diġitali	Tipprovdi għodod għall-iskambju sigur ta' data	<ul style="list-style-type: none"> • Iservi bħala forum għall-iskambju tal-aħjar prattiki • Iservi bħala punt ta' kuntatt għall-implimentazzjoni ta' proġetti pilota possibbli 	
15	e-Identity 2.0	COM	<ul style="list-style-type: none"> • Adozzjoni ta' ontoloġija ta' rwoli professjonali li tkopri t-totalità tal-ispazju ġudizzjarju Ewropew • Preparazzjoni ta' approċċ ċar għall-implimentazzjoni teknika 	<ul style="list-style-type: none"> • Ħolqien ta' ontoloġija ta' rwoli professjonali • Ħolqien ta' struttura għaż-żamma ta' din l-ontoloġija • Preparazzjoni tal-implimentazzjoni ta' identifikazzjoni personali marbuta ma' rwoli professjonali 	COM	<ul style="list-style-type: none"> • Jagħtu informazzjoni dwar ir-rwol tal-prattikanti legali • Jiddefinixxu d-drittijiet ta' aċċess skont din l-ontoloġija 	<ul style="list-style-type: none"> • Toħloq ontoloġija ta' rwoli professjonali għall-prattikanti legali 	<ul style="list-style-type: none"> • Iservi bħala punt ta' kuntatt bejn il-Kummissjoni, l-Istati Membri u l-prattikanti legali • Jagħti feedback dwar il-kuntest ġuridiku fl-Istati Membri 	<p><u>Prattikanti:</u> Jagħtu informazzjoni dwar ir-rwol u l-prattiki tal-prattikanti legali</p>

Nru	Isem il-proġett	Propost minn	Għanijiet tal-proġett	Azzjonijiet li għandhom jittieħdu	Mexxej tal-proġett	Kontributi			
						Stati Membri	Kummissjoni	Grupp ta' Ħidma	Šhab oħrajn
16	iSupport għall-Portal tal-Ġustizzja-e	AT	Għoti ta' mezz ta' komunikazzjoni diġitali mal-awtorità ċentrali ta' Stat Membru permezz tal-portal tal-Ġustizzja-e	<ul style="list-style-type: none"> • Id-determinazzjoni tal-kondizzjonijiet għall-użu tal-iSupport fil-Portal tal-Ġustizzja-e • L-integrazzjoni tat-tibdil neċessarju fl-iSupport • L-implimentazzjoni tal-iSupport fil-Portal 	Għad mhux deċiż	Jikkollegaw l-awtoritajiet ċentrali nazzjonali mal-iSupport	Timplimenta l-iSupport fil-Portal	<ul style="list-style-type: none"> • Jiddetermina l-kondizzjonijiet għall-użu għall-iSupport fil-Portal tal-Ġustizzja-e • Iservi bħala kuntatt għall-awtoritajiet ċentrali nazzjonali 	<p><u>Konferenza ta' The Hague dwar id-Dritt Internazzjonali Privat:</u> Tiżviluppa l-iSupport</p>
17	Sib Avukat II	COM	Ħolqien ta' sistema ta' verifika għall-istatus ta' avukat	<ul style="list-style-type: none"> • Il-valutazzjoni tal-ammissibbiltà legali taċ-ċertifikati mogħtija fil-qafas tas-sistema eżistenti Sib Avukat II • L-implimentazzjoni tas-soluzzjoni eżistenti Sib Avukat II fil-Portal tal-Ġustizzja-e 	CCBE u COM (fir-rigward tal-Portal tal-Ġustizzja-e)	Jipprovdu informazzjoni dwar il-kuntest legali għall-għoti ta' ċertifikati dwar l-istatus ta' avukat	Jekk ikun possibbli, timplimenta s-soluzzjoni eżistenti Sib Avukat II fil-Portal tal-Ġustizzja-e	<ul style="list-style-type: none"> • Iservi bħala punt ta' kuntatt bejn il-Kummissjoni, l-Istati Membri u l-prattikanti legali • Jagħti feedback dwar il-kuntest ġuridiku fl-Istati Membri 	<p><u>CCBE:</u></p> <ul style="list-style-type: none"> • Jikkoordina l-ħidma min-naħa tal-assoċjazzjonijiet tal-avukatura • Jekk tkun adottata, jipprovdi informazzjoni permezz tas-sistema Sib Avukat II

Nru	Isem il-proġett	Propost minn	Għanijiet tal-proġett	Azzjonijiet li għandhom jittieħdu	Mexxej tal-proġett	Kontributi			
						Stati Membri	Kummissjoni	Grupp ta' Ħidma	Sħab oħrajn
18	Blockchain għall-Ġustizzja	COM	Jiġu esplorati każijiet ta' użu tat-teknoloġiji tal-blockchain fil-qasam tal-Ġustizzja-e	Jiġi varat studju li janalizza l-kondizzjonijiet legali u l-opportunitajiet u/jew ostakli possibbli	COM	Tingħata informazzjoni dwar il-kuntest legali u tekniku nazzjonali	Twettiq tal-istudju	<ul style="list-style-type: none"> Iservi bħala punt ta' kuntatt għall-prattikanti Jevalwa r-risultati tal-istudju 	<u>Organizzazzjonijiet legali u professionali interessati:</u> Jipprovdu kontribut ibbażat fuq l-esperjenza tagħhom
19	Pagament elettroniku għall-Portal tal-Ġustizzja-e	AT	Żvilupp ta' sistema ta' pagament għall-imposti	<ul style="list-style-type: none"> Implimentazzjoni ta' funzjoni ta' Pagament-e għall-imposti fuq il-Portal tal-Ġustizzja-e Qbil fost l-Istati Membri parteċipanti fuq l-użu tas-sistema ta' pagament 	Għad mhux deċiż	<ul style="list-style-type: none"> Jipprovdu input u informazzjoni rilevanti Jipparteċipaw fis-sistema ta' pagament fil-kuntest tal-applikazzjoni tagħha (eż. pagament ta' imposti għal dokumenti BRIS) 	Timplimenta l-funzjoni tal-Pagament-e	Jiddetermina l-kondizzjonijiet tal-użu għas-sistema ta' pagament	

B. Komunikazzjoni sigura bejn ċittadini, prattikanti u awtoritajiet ġudizzjarji

17. Biex iċ-ċittadini jkunu involuti aktar malajr fi proċedimenti ġudizzjarji elettroniċi, jeħtieġ jiġu żviluppata għodod għal komunikazzjoni diretta bejn iċ-ċittadini, il-prattikanti u l-awtoritajiet ġudizzjarji.

Nru	Isem il-proġett	Propost minn	Għanijiet tal-proġett	Azzjonijiet li għandhom jittieħdu	Mexxej tal-proġett	Kontributi			
						Stati Membri	Kummissjoni	Grupp ta' Ħidma	Sħab oħrajn
20	Vidjokonferenzjar	AT	<ul style="list-style-type: none"> Jiġu identifikati l-problemi ta' vidjokonferenzjar transfruntier Skambju ta' informazzjoni, prattiki tajbin u teknoloġija li tippermetti vidjokonferenzjar transfruntier Jiġu ssuġġeriti azzjonijiet u proġetti ta' terminu qasir biex itejbu l-vidjokonferenzjar transfruntier 	<ul style="list-style-type: none"> Skambju ta' informazzjoni, prattiki tajbin u teknoloġija Jiġu ssuġġeriti azzjonijiet speċifiċi u proġetti biex itejbu l-vidjokonferenzjar transfruntier 	AT	<ul style="list-style-type: none"> Jipprovdu tagħmir ta' vidjokonferenzjar lill-qrati u l-amministrazzjonijiet Jieħdu ħsieb il-kontenut statiku rilevanti fuq il-Portal tal-Ġustizzja 	Mhux applikabbli	Iservu bħala forum għall-iskambju ta' informazzjoni, prattiki tajbin u teknoloġija	

IV. Interoperabbiltà

A. CODEX-e

18. L-interoperabbiltà hija wieħed mill-obiettivi msemija fl-Istrateġija tal-Ġustizzja elettronika⁷. Hu maħsub li l-interoperabbiltà bejn is-sistemi nazzjonali tiġi żgurata bit-teknoloġija tal-CODEX elettroniku (Komunikazzjoni permezz ta' Skambju ta' Data Online għall-Ġustizzja elettronika) u l-proġett għall-kontinwazzjoni ta' dan, Me-CODEX (Ġestjoni ta' CODEX-e).

Nru	Isem il-proġett	Propost minn	Għanijiet tal-proġett	Azzjonijiet li għandhom jittieħdu	Mexxej tal-proġett	Kontributi			
						Stati Membri	Kummissjoni	Grupp ta' Ħidma	Sħab oħrajn
21	CODEX-e	AT	Ġestjoni tas-sistema CODEX-e biex tkun tista' tingħadda lil ħaddieħor	<ul style="list-style-type: none"> • Ġestjoni tal-komponenti tal-CODEX-e u l-Pjattaforma Ċentrali tal-Ittestjar • Jiġu stabbiliti l-attivitajiet meħtieġa ta' governanza, ta' komunikazzjoni u ta' kummerċjalizzazzjoni 	Konsorzju tal-CODEX-e	<ul style="list-style-type: none"> • Jużaw il-CODEX-e • Jikkomunikaw l-esperjenza u l-prattiki lill-komunità tal-CODEX-e 	Tikkoopera mal-Istati Membri fil-ġestjoni tal-CODEX-e	<ul style="list-style-type: none"> • Iservi bħala forum għall-espansjoni tal-komunità tal-CODEX-e • Iservi bħala punt ta' kuntatt għall-użu tal-CODEX-e fil-qafas tal-istrumenti tal-UE 	<u>Konvenzjoni ta' The Hague dwar id-Dritt Internazzjonali Privat, prattikanti legali, organizzazzjonijiet u partijiet ikkonċernati:</u> <ul style="list-style-type: none"> • Jużaw il-CODEX-e • Jipprovdur reazzjonijiet

⁷ Paragrafu 40 tad-dokument WK 2894 2018 REV 2.

Nru	Isem il-proġett	Propost minn	Għanijiet tal-proġett	Azzjonijiet li għandhom jittieħdu	Mexxej tal-proġett	Kontributi			
						Stati Membri	Kummissjoni	Grupp ta' Ħidma	Sħab oħrajn
22	CODEX-e għal strumenti legali	AT	Implimentazzjoni ta' piloti għall-iskambju ta' formoli, dokumenti u data strutturata	Jiġi pprovdut l-immudellar operattiv u tal-proċessi u l-implimentazzjoni teknika għall-interkonnessjoni bejn l-awtoritajiet li jieħdu sehem fi strumenti legali permezz tal-CODEX-e	Konsorzju tal-CODEX-e	Jużaw il-CODEX-e fil-qafas ta' strumenti legali	Tipprovdi aċċess għan-netwerk tal-CODEX-e	Iservi bħala punt ta' kuntatt bejn Gruppi ta' Ħidma li jaħdmu fuq strumenti legali u l-Istati Membri jew il-konsorzju tal-CODEX-e	
23	Armonizzazzjoni ta' sistemi ta' backend	AT	Jiġu ġġenerati sistemi komuni u armonizzati ta' backend għal strumenti legali speċifiċi	Jiġu identifikati strumenti legali li għalihom ikun jixraq u jkun fattibbli li jkollhom sistemi komuni ta' backend	Konsorzju tal-CODEX-e	<ul style="list-style-type: none"> Jiżviluppaw backends għal sistemi derivati minn strumenti legali Jikkooperaw fil-ħolqien ta' backends komuni 	Tipprovdi backends komuni, skont il-ħtiġijiet tal-Istati Membri	Iservi bħala punt ta' kuntatt biex jiġu determinati l-backends li għandhom jiġu implimentati	

B. Interoperabbiltà semantika

19. L-għan tal-interoperabbiltà semantika hu li tiffaċilita l-komunikazzjoni bejn is-sistemi billi tallinja t-termini użati fil-metadata u l-istandards. Għandha l-għan ukoll li tnaqqas l-impatt tad-differenzi bejn il-lingwi billi tipprovdi traduzzjoni awtomatika, u b'hekk ikun hemm iktar riżorsi għal traduzzjonijiet urġenti.
20. Vokabolarju kkontrollat jikkonsisti minn lista ta' termini użati bħala indiċi tal-kontenut u biex iħaffu t-tiftix ta' informazzjoni. L-ipproċessar tad-data u l-faċilità tal-iskoperta tal-informazzjoni jistgħu jkomplu jitjiebu u jsiru aktar effiċjenti bl-użu ta' vokabolarji kkontrollati, identifikaturi bħall-ELI jew l-ECLI, Intelliġenza Artifiċjali u analiżi ta' Data Miftuħa u ta' Big Data legali.

Nru	Isem il-proġett	Propost minn	Għanijiet tal-proġett	Azzjonijiet li għandhom jittieħdu	Mexxej tal-proġett	Kontributi			
						Stati Membri	Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea	Grupp ta' Ħidma	Sħab oħrajn
24	Għarfien tal- vuċi	NL	Żvilupp ta' għodda, li tippermetti t-traskrizzjoni awtomatika ta' diskors bil-fomm għal forma miktuba, għal użu fi proċedimenti ġudizzjarji	<ul style="list-style-type: none"> Jiġu determinati każijiet għall-użu u l-aħjar Prattiki għat-traskrizzjoni awtomatika Żvilupp ta' bażi ta' data ta' lingwi u djaletti Qbil dwar il-kondizzjonijiet legali u tekniċi għall-użu ta' traskrizzjoni awtomatika fil-qasam ġudizzjarju 	NL	Jipprovdu aċċess għal data dwar lingwi u djaletti nattivi	Mhux applikabbli	<ul style="list-style-type: none"> Jissorvelja l-iżvilupp tal-għodda Iservi bħala punt ta' kuntatt bejn il-partiċipanti Jiddetermina l-każijiet għall-użu u l-possibiltajiet tekniċi tal-għodda 	<p><u>Esperti (tradutturi / interpreti) u akkademiċi:</u> Possibbilment jipprovdu data</p>

Nru	Isem il-proġett	Propost minn	Għanijiet tal-proġett	Azzjonijiet li għandhom jittieħdu	Mexxej tal-proġett	Kontributi			
						Stati Membri	Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea	Grupp ta' Ħidma	Šhab oħrajn
25	Vokabolarji kkontrollati - EuroVoc u LegiVoc	UtP tal-UE u FR	<ul style="list-style-type: none"> • Jitħeġġeġ l-użu ta' VocBench • Stabbiliment tal-għodda ta' indiċi EuroVoc • Espansjoni ta' LegiVoc • Konsolidazzjoni u promozzjoni tal-allinjament semantiku tal-vokabolarji tal-Istati Membri tal-UE, flimkien ma' Stati terzi 	<ul style="list-style-type: none"> • Promozzjoni tal-użu ta' VocBench • Żvilupp ta' għodda ta' indiċi awtomatika għal EuroVoc • Espansjoni tal-firxa ta' vokabolarji inklużi f'LegiVoc • Titjib tal-amministrazzjoni ta' LegiVoc 	UtP tal-UE għal EuroVoc, FR għal LegiVoc	Jipprovdu informazzjoni dwar vokabolarji	<ul style="list-style-type: none"> • Jiżviluppa għodda ta' indiċi awtomatika għal EuroVoc • Jallinja għodod differenti • Jikkomunika fuq VocBench 	<ul style="list-style-type: none"> • Jissorvelja l-użu ta' EuroVoc • Iservi bħala punt ta' kuntatt għall-implimentazzjoni usa' ta' VocBench u LegiVoc 	

Nru	Isem il-proġett	Propost minn	Għanijiet tal-proġett	Azzjonijiet li għandhom jittieħdu	Mexxej tal-proġett	Kontributi			
						Stati Membri	Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea	Grupp ta' Ħidma	Šhab oħrajn
26	Interoperabbiltà u standards komuni	UtP tal-UE	<ul style="list-style-type: none"> • Ħolqien ta' formati komuni għall-proċess leġislattiv • Promozzjoni ulterjuri tal-użu tad-Data Miftuħa • Ħolqien ta' sistema ta' ġestjoni tal-abbozzar leġislattiv 	<ul style="list-style-type: none"> • Armonizzazzjoni tal-fluss ta' dokumenti u informazzjoni • Pubblikazzjoni ta' aktar settijiet ta' data tal-Ġustizzja-e fuq il-Portal tad-Data Miftuħa tal-UE • Żvilupp possibbli ta' sistema ġdida b'riżultat ta' kooperazzjoni bejn l-Istati Membri, l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-UE, il-Kummissjoni u possibbilment istituzzjonijiet oħra tal-UE 	UtP tal-UE	Jikkooperaw mal-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet fl-iżvilupp ta' sistema ta' ġestjoni tal-abbozzar leġislattiv	<ul style="list-style-type: none"> • Jaħdem fuq l-armonizzazzjoni u l-pubblikazzjoni • Jiżviluppa sistema ta' ġestjoni tal-abbozzar leġislattiv 	<ul style="list-style-type: none"> • Jissorvelja l-iżvilupp tas-sistema tal-abbozzar u l-pubblikazzjoni tad-Data Miftuħa tal-UE • Iservi bħala punt ta' kuntatt mal-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet għall-koordinazzjoni tal-iżvilupp tas-sistema tal-abbozzar 	

V. Lista ta' riżerva

21. Hemm ċerti proġetti li huma ta' interess għall-Ġustizzja elettronika, iżda xi prekundizzjonijiet minn tagħhom jidher li ma ġewx issodisfati għalissa. Għalhekk, l-Istati Membri qablu li joħlqu lista ta' riżerva ta' proġetti b'inqas prijorità, li xorta jistgħu jiġu implimentati bil-parteċipazzjoni tal-Istati Membri li jixtiequ jipproċedu bil-proġett ladarba jkunu nstabu soluzzjonijiet għall-ostakli jew għall-kondizzjonijiet mhux issodisfati. Dawn il-proġetti xorta jistgħu jingħataw finanzjament jekk is-sejħiet ikopru l-ambitu tagħhom.
22. Biex irawwem aktar użu ta' proġetti tal-Ġustizzja elettronika, il-Grupp ta' Ħidma dwar il-Leġislazzjoni Elettronika (Ġustizzja elettronika) jista' jservi bħala forum għall-proġetti li ġejjin.

Nru	Isem il-proġett	Propost minn	Għanijiet tal-proġett	Azzjonijiet li għandhom jittieħdu	Mexxej tal-proġett	Kontributi			
						Stati Membri	Kummissjoni	Grupp ta' Ħidma	Sħab oħrajn
R1	Sistema ta' Informazzjoni dwar Debituri	NL	<p>• Ħolqien ta' pjattaforma ċentrali għal debituri u kredituri potenzjali biex ikollhom aċċess għal informazzjoni dwar is-sitwazzjoni tagħhom (għad-debituri, dwar is-sitwazzjoni tagħhom stess, għal kredituri potenzjali, dwar is-sitwazzjoni ta' debituri possibbli)</p>	<ul style="list-style-type: none"> • Tinħoloq pjattaforma biex tintwera data li tinsab f'bażijiet ta' data marbuta mad-dejn • Jinħolqu bażijiet ta' data dwar id-dejn fl-Istati Membri parteċipanti <ul style="list-style-type: none"> • Tinħoloq interkonnessjoni bejn dawn il-bażijiet ta' data • Issir possibbli biex ċittadini u professjonisti jiskambjaw data u jikkomunikaw bejniethom 	NL	Jaġġornaw u jikkollegaw flimkien il-bażijiet ta' data eżistenti	Tikkunsidra l-possibbiltajiet biex tospita l-għodda żviluppata fuq il-Portal tal-Ġustizzja-e	Iservi bħala punt ta' kuntatt għall-ħolqien u l-aġġornament tal-bażijiet ta' data dwar id-debituri	

Nru	Isem il-proġett	Propost minn	Għanijiet tal-proġett	Azzjonijiet li għandhom jittieħdu	Mexxej tal-proġett	Kontributi			
						Stati Membri	Kummissjoni	Grupp ta' Hídma	Šhab oħrajn
R2	BabelLex	FR	Jiġi offrut aċċess għal bażijiet ta' data dwar tradutturi u interpreti permezz tal-Portal tal-Ġustizzja-e	<ul style="list-style-type: none"> • Żvilupp ulterjuri tal-pjattaforma BabelLex • Espansjoni tal-kopertura ġeografika tal-pjattaforma • BabelLex jiġi integrat fil-Portal tal-Ġustizzja-e, l-istess bħall-għodod "Sib..." 	FR	Jipprovdu assistenza lill-assoċjazzjonijiet tal-interpreti u t-tradutturi fil-ħolqien u ż-żamma ta' bażijiet ta' data ta' interpreti u tradutturi	Tipprovdi l-għodda tat-tiftix biex tintuża fuq il-Portal tal-Ġustizzja-e	<ul style="list-style-type: none"> • Iservi bħala punt ta' kuntatt għall-assoċjazzjonijiet tal-interpreti u t-tradutturi • Jgħin biex jiġu kkuntattjati l-assoċjazzjonijiet lokali 	<u>Assoċjazzjonijiet ta' interpreti u tradutturi:</u> Joħolqu u jżommu bażijiet ta' data ta' interpreti u tradutturi
R3	Interkonnessioni tar-reġistri nazzjonali ta' adulti vulnerabbli	FR	<ul style="list-style-type: none"> • Stabbiliment ta' bażijiet ta' data nazzjonali dwar il-kapaċità legali tal-persuni, inkluż ix-xewqat tagħhom f'każ ta' diżabilità fiżika jew mentali prospettiva • Interkonnessioni ta' dawn il-bażijiet ta' data 	<ul style="list-style-type: none"> • Jingħata appoġġ lill-interkonnessioni tar-reġistri nazzjonali eżistenti li jelenkaw deċiżjonijiet dwar miżuri protettivi għal adulti vulnerabbli • Tiżdied paġna ta' informazzjoni fuq il-Portal tal-Ġustizzja-e dwar il-kapaċità legali u l-adulti vulnerabbli 	FR	<ul style="list-style-type: none"> • Iżommu bażijiet ta' data nazzjonali eżistenti dwar deċiżjonijiet li jittrattaw miżuri protettivi għal adulti vulnerabbli • Jippermettu interkonnessioni ma' dawn il-bażijiet ta' data 	Tipprovdi l-infrastruttura fuq il-Portal tal-Ġustizzja-e	<ul style="list-style-type: none"> • Jikkoordina l-kontenut tal-bażijiet ta' data u l-interkonnessioni tagħhom • Jagħti segwitu għall-implimentazzjoni mill-Istati Membri u mill-Kummissjoni 	<u>Nutara:</u> Jikkooperaw fiż-żamma u l-aġġornament tal-bażijiet ta' data nazzjonali

Nru	Isem il-proġett	Propost minn	Għanijiet tal-proġett	Azzjonijiet li għandhom jittieġdu	Mexxej tal-proġett	Kontributi			
						Stati Membri	Kummissjoni	Grupp ta' Hídma	Sħab oħrajn
R4	Siġilli elettroniċi u livelli ta' garanzija fil-Ġustizzja-e	COM	Jiġi stabbilit it-tip ta' firem u siġilli elettroniċi meħtieġa għal diversi proċedimenti u l-livelli ta' garanzija tal-mezzi tal-eID li għandhom jintużaw konformement mar-Regolament dwar l-eIDAS għal aċċess għas-servizzi tal-Ġustizzja-e	<ul style="list-style-type: none"> Jiġu determinati l-livelli ta' garanzija meħtieġa għall-użu ta' skemi tal-identità elettronika għall-aċċess transfruntier għas-servizzi tal-Ġustizzja-e Jiġu determinati r-rekwiżiti għall-użu ta' firem elettroniċi u siġilli elettroniċi 	COM	Jipprovdu informazzjoni dwar ir-rekwiżiti nazzjonali fir-rigward ta' firem-e u siġilli-e rikonoxxuti mill-Istati Membri fil-qasam tas-servizzi tal-Ġustizzja-e	Mhux applikabbli	<ul style="list-style-type: none"> Jiġbor informazzjoni dwar prattiki u rekwiżiti nazzjonali għal firem u siġilli elettroniċi Jaqbel dwar rakkomandazzjonijiet għal servizzi rregolati mill-eIDAS fil-qasam tal-Ġustizzja 	
R5	Indirizz Elettroniku Uniku Ewropew	COM	Implimentazzjoni ta' indirizz elettroniku nazzjonali/tal-UE għal komunikazzjonijiet uffiċjali mal-ġudikatura jew l-awtoritajiet pubbliċi kompetenti għall-użu kemm nazzjonali kif ukoll fil-livell Ewropew	<ul style="list-style-type: none"> Jinħoloq inventarju ta' sistemi ta' indirizz elettroniku nazzjonali, użati għal komunikazzjonijiet uffiċjali Jiġu determinati każijiet għall-użu ta' indirizz elettroniku tal-UE dedikat għal komunikazzjonijiet uffiċjali Tiġi definita strateġija għall-istabbiliment ta' indirizz elettroniku bħal dan 	COM	<ul style="list-style-type: none"> Jipprovdu informazzjoni dwar mezzi elettroniċi użati f'komunikazzjoni uffiċjali f'livell nazzjonali L-Istati Membri parteċipanti jaqblu bejniethom dwar l-implimentazzjoni ta' indirizz elettroniku uffiċjali tal-UE għal komunikazzjoni uffiċjali 	Tistudja l-fattibbiltà tal-implimentazzjoni ta' indirizz elettroniku tal-UE biex jintuża fil-kuntest ta' komunikazzjoni uffiċjali	<ul style="list-style-type: none"> Jiġbor informazzjoni dwar il-prattiki nazzjonali fir-rigward tal-indirizzi elettroniċi għall-komunikazzjoni uffiċjali 	

VI. Proġetti mmexxija minn prattikanti

23. Il-prattikanti pproponew proġetti li jistgħu jkunu ta' benefiċċju għall-ħidma tal-Ġustizzja elettronika. Il-proġetti jiġu varati fuq l-inizjattiva tal-prattikanti li għamlu l-proposta⁸.
24. Fuq talba tal-prattikanti, dawn il-proġetti jista' jkollhom bżonn l-għajnuna tal-Grupp ta' Ħidma. F'dan il-każ, il-Grupp ta' Ħidma jikkoordina l-azzjonijiet meħuda biex jevita d-duplikazzjoni tal-isforz fost il-prattikanti involuti.

⁸ Kif indikat fil-paragrafu 32 tal-abbozz attwali tal-Istrateġija 2019-2023 dwar il-Ġustizzja elettronika, 12794/1/18 REV 1.

Nru	Isem il-proġett	Għanijiet tal-proġett	Azzjonijiet li għandhom jittieħdu	Mexxej tal-proġett	Forma ta' parteċipazzjoni			
					Stati Membri	Kummissjoni	Grupp ta' Ħidma	Sħab oħrajn
P1	Soluzzjoni Online għal Tilwim għal Talbiet Żgħar	<p>Hoġkien ta' pont/gateway tekniku bejn is-sistemi ta' soluzzjoni online għal tilwim (ODR) u l-proċedura elettronika tal-UE għal talbiet żgħar meta t-tilwima ma tiġix solvuta online</p>	<ul style="list-style-type: none"> Isir studju komparattiv tas-Soluzzjoni Online għal Tilwim għal Talbiet Żgħar li teżisti fl-Istati Membri differenti (ambitu, teknoloġiji, professjonisti involuti) Analiżi u proposti għal opzjonijiet tekniċi ta' konverġenza (jekk meħtieġ) u kollegament bejn is-sistemi ta' Soluzzjoni Online għal Tilwim u l-proċedura elettronika tal-UE għal talbiet żgħar 	Kamra Ewropea tal-Uffiċjali Ġudizzjarji (CEHJ)	Jipprovdu informazzjoni dwar is-sistemi nazzjonali eżistenti ta' soluzzjoni online għal tilwim	Jirriflettu dwar pont/gateway tekniku bejn is-sistemi ta' soluzzjoni online għal tilwim	<ul style="list-style-type: none"> Jirrifletti fuq pont/gateway tekniku bejn is-sistemi ta' soluzzjoni online għal tilwim Iservi bħala punt ta' kuntatt għall-assoċjazzjonijiet tal-prattikanti 	<p><u>CEHJ:</u></p> <ul style="list-style-type: none"> Tmexxi l-istudju Tippubblika r-risultati tal-istudju Tikkoopera mal-Kummissjoni u mal-Istati Membri biex jiġu determinati l-aħjar soluzzjonijiet għall-kollegament tal-ODR mal-proċedura tal-UE għal talbiet żgħar
P2	Bażi ta' data tal-EPIS	<ul style="list-style-type: none"> Hoġkien ta' pjattaforma sostenibbli u rikonoxxuta għaċ-ċentralizzazzjoni tal-informazzjoni dwar il-ħabsijiet tal-UE. Għajjnuna għat-trasparenza u faċilitazzjoni tal-iskambju ta' għarfien u ta' tagħlim dwar operazzjonijiet, kondizzjonijiet u prattiki fil-qasam tal-ħabsijiet 	<ul style="list-style-type: none"> Jiżdied l-għarfien dwar l-EPIS u jiġu inkoraġġuti kontributi għaliha Jintalbu kontributi ta' aktar settijiet ta' data mill-aġenziji nazzjonali tal-ħabsijiet tal-Istati Membri u żvilupp possibbli ta' bażi ta' data statistika 	EuroPris	Jiprovdu data dwar l-istabbilimenti penitenzjarji tagħhom	Tipprovdi hoġqa fuq il-Portal tal-Ġustizzja-e għall-bażi ta' data tal-EPIS	<ul style="list-style-type: none"> Iservi bħala punt ta' kuntatt għall-EuroPris Jikkunsidra użi futuri possibbli għall-bażi ta' data 	<p><u>Università ta' Losanna:</u></p> <p>Tiżviluppa bażi ta' data statistika</p>

Nru	Isem il-proġett	Għanijiet tal-proġett	Azzjonijiet li għandhom jittieħdu	Mexxej tal-proġett	Forma ta' parteċipazzjoni			
					Stati Membri	Kummissjoni	Grupp ta' Ħidma	Šhab oħrajn
P3	Reġistri Elettroniċi ta' Esperti	<ul style="list-style-type: none"> • Ғolqien ta' direttorji nazzjonali ta' esperti ġudizzjarji • Implimentazzjoni ta' għodda ta' tiftix fuq il-Portal tal-Ġustizzja-e, li tikkollega dawn id-direttorji 	<ul style="list-style-type: none"> • Promozzjoni tal-ħolqien ta' direttorji nazzjonali ta' esperti ġudizzjarji • Dawn id-direttorji nazzjonali jiġu kollegati permezz tal-Portal tal-Ġustizzja-e • Jitfasslu paġni ta' informazzjoni għaċ-ċittadini 	Istitut Ewropew tal-Kompetenzi u l-Esperti (EEEI) + EuroExpert	<ul style="list-style-type: none"> • Jekk ikun meħtieġ, jassistu lill-assoċjazzjonijiet nazzjonali tal-esperti ġudizzjarji fil-ħolqien ta' direttorji tal-membri tagħhom • Jikkoordinaw ma' dawn l-assoċjazzjonijiet, sabiex jikkollegaw id-direttorji tagħhom permezz tal-Portal tal-Ġustizzja-e 	Tipprovdi l-għodda tat-tiftix fuq il-Portal tal-Ġustizzja-e	Iservi bħala punt ta' kuntatt għal assoċjazzjonijiet nazzjonali ta' esperti	<u>EEEI + EuroExpert:</u> <ul style="list-style-type: none"> • Jistabbilixxu direttorji ta' esperti ġudizzjarji • Jikkunsidraw l-aħjar Prattiki biex jiffaċilitaw l-implimentazzjoni ta' dawk id-direttorji

Nru	Isem il-proġett	Għanijiet tal-proġett	Azzjonijiet li għandhom jittieħdu	Mexxej tal-proġett	Forma ta' parteċipazzjoni			
					Stati Membri Volontarji	Kummissjoni	Grupp ta' Ħidma	Sħab oħrajn
P4	Kompetenzi-e	Introduzzjoni ta' skambji bla karti fil-proċeduri ta' kompetenza esperta ġudizzjarja	<ul style="list-style-type: none"> Jittieħed rendikont tal-għodod użati bħalissa fl-UE kemm fil-kuntest tal-proċeduri ta' kompetenza esperta ġudizzjarja kif ukoll fil-professionijiet ġudizzjarji l-oħra. Tiġi valutata l-varjeta' ta' kompetenzi esperti u l-proċeduri marbuta magħhom Jiġu implimentati l-formoli eżistenti fl-anness għar-Regolament tal-Kunsill KE/1206/2001 Tiġi żviluppata formola ġdida biex jintalab li jinstab, jiġi evalwat u jinħatar espert għall-għoti ta' xhieda 	Istitut Ewropew tal-Kompetenzi u l-Esperti (EEEI) + EuroExpert	Jipprovdu informazzjoni dwar proċeduri eżistenti ta' kompetenza esperta	Mhux applikabbli	Iservi bħala punt ta' kuntatt għal assoċjazzjonijiet ta' prattikanti	<p><u>EEEI + EuroExpert:</u></p> <ul style="list-style-type: none"> Jieħdu rendikont tal-għodod "Ewropej" disponibbli għall-professionijiet ġudizzjarji Jagħżlu s-soluzzjoni(jiet) xierqa Jiżviluppaw u jimplimentaw proġett pilota wieħed jew aktar

Nru	Isem il-proġett	Għanijiet tal-proġett	Azzjonijiet li għandhom jittieħdu	Mexxej tal-proġett	Forma ta' parteċipazzjoni			
					Stati Membri	Kummissjoni	Grupp ta' Ħidma	Sħab oħrajn
P5	Interkonnessjoni ta' Reġistri ta' Ċertifikati Ewropej tas-Suċċessjoni	<ul style="list-style-type: none"> • Għieda kontra Ċertifikati Ewropej tas-Suċċessjoni (ECS) falsifikati u duplikati • Assistenza fl-użu ta' ECS 	Ir-reġistri eżistenti jiġu kkollegati ma' dawk diġà kkollegati permezz tal-ENRWA	Assoċjazzjoni tan-Netzwerk Ewropew tar-Reġistri tat-Testmenti (ENRWA)	<ul style="list-style-type: none"> • Jikkollegaw ir-reġistri eżistenti • Joħolqu reġistri fl-Istati Membri volontarji fejn dawn ma jeżistux 	Tipprovdi l-infrastruttura għall-aċċess għall-interkonnessjoni fuq il-Portal tal-Ġustizzja-e	<ul style="list-style-type: none"> • Jippromwovi l-proġett mal-awtoritajiet nazzjonali • Possibbilment jiżviluppa gwida tal-aħjar prattika għall-pajjiżi li jixtiequ joħolqu u jikkollegaw reġistri 	<u>Assoċjazzjoni tan-Netzwerk Ewropew tar-Reġistri tat-Testmenti:</u> <ul style="list-style-type: none"> • Tikkoordina l-ħolqien ta' reġistri nazzjonali • Tikkondividi għarfien dwar l-aħjar prattiki u t-teknoloġiji għall-ħolqien ta' reġistri nazzjonali